MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 400/2002/1

**Dr. Jose' A. Herrera LL.D. bhala prokuratur specjali tal-assenti A.**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 8 ta' April 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi fis-sittax ta' Mejju tas-sena elf, disa' mija, disa' u disghin gie celebrat iz-zwieg bejn B  u A nee` Caruana fil-

knisja ta’ San Guzepp, Msida, liema zwieg kien gie registrat fir-Registru Pubbliku permezz ta’ l-att taz-Zwieg numru 620/1999, hawn anness bhala Dok “A”;

Illi l-konvenut huwa nkapaci li jassumi d-drittijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi z-zwieg ta’ bejn il-partijiet tfarrak irremedjabilment u dan primarjament minhabba ragunijiet imputabbli solament lill-konvenut fosthom inkompatibilita ta’ karattru w immaturita` *da parti* tal-konvenut u n-nuqqas tieghu li jimmanigja tajjeb il-qaghda finanzjarja taghhom;

Illi l-attrici kienet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili datat 12 ta’ Marzu 2002 bin-numru 397/2002 hawn annessa bhala Dok “B”.

Illi ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan bi htija esklussiva tal-konvenut;

2. Tawtorizza lill-attrici tghix separata mill-konvenut zewgha;

3. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16)**;

4. Tillikwida u tiddikjara xolta l-kommunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tassenja parti wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut u mhux necessarjament fi kwoti ugwali, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi;

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u Kuratur sabiex jirrapprezenta l-kontumacja tal-konvenut f’kaz ta’ bzonn.

6. Tawtorizza lill-attrici li tuza’ kunjom xbubitha, cioe` Caruana;

7. Tordna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici l-proprjeta` parafernali kollha taghha jew il-valur tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa 10 tal-process;

Rat li l-kawza giet appuntata ghas-16 ta' Ottubru 2002.

Rat li l-konvenut gie debitament notifikat fis-6 ta' Gunju 2002.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-26 ta' Gunju 2002 a fol. 16 tal-process fejn ecceppixxa:-

1. Illi l-eccipjenti jaqbel ma' l-ewwel talba attrici limitatament ghal dikjarazzjoni u pronunzja ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan billi t-tifrik taz-zwieg irrizulta esklussivament mill-agir ta' l-attrici illi rrendiet ruhha hatja ta' adulterju, sevizzji, eccessi, minacci u ngurji gravi kif ukoll ta' deserzjoni fil-kontront ta' l-eccipjenti, illi rrendew il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet impossibbli, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi t-tieni talba attrici mhix opposta, izda din hija konsegwenza naturali u intrinsika tas-separazzjoni personali u ghalhekk l-ispejjez ta' din it-talba ghandhom certament jigu sopportati interament mill-attrici, u dan minghajr pregudizzju ghas-sitt eccezzjoni ta' l-eccipjenti.

3. Illi ghal dak li jirrigwarda t-tielet talba attrici din ghandha tigi michuda, b'dan illi l-istess **artikolu 48 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jigi applikat kontra l-attrici, *stante* illi *ai termini* ta' l-istess Artikolu, kienet l-attrici nnifisha illi rrendiet ruhha hatja tal-firda bejn il-partijiet, u dan kemm minhabba r-relazzjoni adultera taghha kif ukoll minhabba illi konsegwentement hija abbandunat id-dar matrimonjali, tant illi llum tirrisjedi ghall-esteru skond kif anke jirrizulta mill-atti processwali.

4. Illi r-raba' talba attrici mhix opposta limitatament ghad-dikjarazzjoni tax-xoljiment u konsegwenti likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u dan pero`, illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tapplika fil-konfront ta' l-attrici l-provvedimenti ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili** kif fuq premess, u dan senjatament, izda mhux limitatament ghad-dikjarazzjoni tax-xoljiment u konsegwenti likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, b'dan pero`, illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tapplika fil-konfront ta' l-attrici l-provvedimenti ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili** kif fuq premess, u dan senjatament, izda mhux limitatament billi tiddikjara illi l-attrici titlef dak kollu illi kisbet b'donazzjoni jew titolu iehor gratuwit u minghand l-eccipjenti, kif ukoll kull jedd ghan-nofs ta' l-akkwisti kollha illi saru l-aktar bil-hidma ta' l-eccipjenti, kif ukoll kull jedd ghan-nofs ta' l-akkwisti kollha illi saru l-aktar bil-hidma ta' l-eccipjenti wara dik d-data li tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti bhala d-data meta l-attrici rrendiet ruhha hatja tal-firda, skond il-Ligi, bil-konsegwenti assenjazzjoni ta' dawn il-beni favur l-eccipjenti.

Illi r-rimanenti talbiet attrici m'humiex opposti, b'dan izda illi l-eccipjenti jirrileva illi l-beni parafernali ta' l-attrici diga' gew irtirati minnha, sa lanqas oggett, meta hija abbandunat id-dar matrimonjali.

Illi fic-cirkostanzi l-ispejjez tal-prezenti ghandhom jigu sopportati interament mill-attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 17 u 18 tal-process.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenut** datata 26 ta' Gunju 2002 a fol. 19 tal-process fejn ippremetta:

Illi l-partijiet ikkuntrattaw zwieg bejniethom fis-16 ta' Mejju 1999 mill-liema zwieg ma twieldu l-ebda tfal;

Illi z-zwieg bejn il-partijiet tfarrak irrimedjabbilment minhabba sevizzji, eccessi, minacci u ngurji gravi u aktar u aktar, ir-relazzjoni adultera ta' l-attrici rikonvenuta, kif ukoll minhabba l-abbandun mid-dar matrimonjali *da parti* ta' l-istess attrici rikonvenuta versu l-konvenut rikonvenjenti, u r-ragunijiet ohra rikonoxxuti mill-Ligi, illi rrendew il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet impossibbli;

Illi permezz ta' Digriet moghti fit-12 ta' Marzu 2002 mill-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili, il-partijiet gew awtorizzati sabiex jibdew il-proceduri ghas-separazzjoni personali bejniethom;

Illi ghalhekk il-konvenut rikonvenzjonat talab li l-attrici rikonvenuta tghid il-ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro*, bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi imputabbli esklussivament lill-attrici rikonvenuta, u rikonoxxuti mill-Ligi;

2. Tapplika l-effetti ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili** kontra l-istess attrici rikonvenuta, a favur il-konvenut rikonvenjenti;

3. Tiddikjara, *occorrendo* bl-opera ta' periti nominandi, ix-xoljiment u konsegwenti likwidazzjoni tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti b'dan illi tiddikjara illi l-attrici rikonvenuta titlef dak kollu illi kisbet b'donazzjoni jew titolu iehor gratuwitu minghand il-konvenut rikonvenjenti, kif ukoll kull jedd ghan-nofs ta' l-akkwisti kollha illi saru l-aktar bil-hidma ta' l-istess konvenut rikonvenjenti wara dik id-data li tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti bhala d-data meta l-attrici rikonvenuta rrendiet ruhha hatja tal-firda, skond il-Ligi, bil-konsegwenti assenjazzjoni ta' dawn il-beni kollha favur il-konvenut rikonvenjenti, u tassenja kwindi l-interita` tal-komunjoni ta' l-akkwisti favur il-konvenut rikonvenjenti.

4. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun ghall-qasma w assenjazzjoni ga` msemmija u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez kontra l-attrici rikonvenuta li tibqa’ minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut rikonvenjenti a fol. 20 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda a fol. 20 u 21 tal-process;

Rat li l-attrici giet debitament notifikata fl-10 ta’ Lulju 2002.

Rat ir-rikors tal-attrici tat-22 ta’ Mejju 2002 fejn talbet li l-intimat jikkonsenja kopja tac-cavetta tal-fond matrimonjali lill-esponenti u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa w opportuni.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-24 ta’ Mejju 2002, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta w ordnat li ssir notifika tac-citazzjoni attrici mmedjatament.

Rat ir-risposta tal-konvenut tal-1 ta’ Lulju 2002 a fol 26 tal-process.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-2 ta’ Lulju 2002 fejn ordnat lir-rikorrenti permezz ta’ nota fi zmien 4 t’ijiem mill-lum tindika l-oggetti li allegatament huma parafernali taghha, liema nota ghandha tkun guramentata, b’kopja lill-kontro-parti nkluz ta’ dan id-Digriet li jkollu 4 t’ijiem zmien ghan-nota guramentata responsiva.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attrici rikonvenzjonata tat-22 ta’ Lulju 2002 a fol 28 tal-process fejn gie eccepit:-

(1) Illi taqbel illi ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali pero` mhux ghar-ragunijiet indikati mill-konvenut rikonvenzjonat izda ghar-ragunijiet imputabbli lilu peress li ma kienx kapaci jassumi d-drittijiet essenzjali taz-zwieg;

(2) Illi fir-rigward tat-tieni talba, din ghandha tigi michuda u dan peress illi l-attrici rikonvenuta ma kienet involuta fl-

ebda relazzjoni extra maritali waqt li l-partijiet kienu jghixu flimkien;

(3) Illi *se mai* kien il-konvenut rikonvenjenti li kien beda relazzjoni *circa* sena ilu u dan ftit zmien wara li l-attrici rikonvenuta kienet telqet mid-dar konjugali a bazi ta' ftehim li kien sar bejn il-partijiet sabiex ikun hemm separazzjoni bonarja, liema ftehim ma giex onorat mill-konvenut rikonvenjenti.

(4) Illi l-attrici rikonvenuta taqbel illi tigi likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti pero` topponi ghas-sanzjonijiet mitluba mill-konvenut rikonvenjent peress illi hi ma kienitx hatja tal-firda.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjrazzjoni u l-lista tax-xhieda a fol 20 u 21 tal-process.

Rat li l-eccezzjonijiet ghall-kontro-talba gew debitament notifikati lill-konvenut fit-3 ta' Settembru 2002.

Rat il-verbal tas-16 ta' Ottubru 2002 a fol 31 tal-process fejn inghata digriet tal-affidavit lill-partijiet ta' hamsin jum kull wiehed u l-Qorti nnominat lill-Perit Legali Dr Noel Bartolo u ordnatlu li wara tali terminu tal-affidavits jiffissa sitt seduti ghall-provi kollha tal-partijiet u jirrelata mhux aktar tard mid-differiment li jmiss tat-2 ta' Ottubru 2003.

Rat in-nota ta' l-attur tas-27 ta' Dicembru 2002 minn fol 35 sa fol 44 tal-process fejn gie esebit l-affidavit ta' **A**.

Rat in-nota ta' l-attur tat-8 ta' Jannar 2003 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavits ta' **Ruth Vella Caruana, Theresa Grixti, Mary Rose Muscat, Joseph Mary Caruana** u **Josephine Caruana**.

Rat li l-affidavits gew debitamenti notifikati fil-31 ta' Jannar 2003.

Rat in-nota tal-konvenut tal-15 ta' Lulju 2003 fejn gew prezentati l-affidavits ta' **Marceline Cutajar, Catherine Valletta, Silvio Valletta, Joseph Valletta, Kevin Valletta** u **B .**

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali minn fol 88 sa fol 131 tal-process, u d-dokumenti hemm esebiti minn fol 132 sa fol 381 tal-process.

Rat ir-rikors konguntiv tal-partijiet tal-11 ta' Settembru 2003 a fol 383 tal-process fejn talbu lill-Qorti biex tawtorizza lill-Perit Legali jiffissa u jzomm seduti ohra *oltre* s-seduti diga ffissati ghas-16 ta' Settembru 2003 u 30 ta' Settembru 2003 b'dan illi l-partijiet jkunu f'posizzjoni illi jressqu x-xhieda, u jaghmlu l-kontro-ezamijiet kollha minnhom mehtiega fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi, sabiex jingabru l-provi kollha pertinenti ghall-istess kawza, skond il-Ligi.  Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-18 ta' Settembru 2003 fejn ghall-ahhar darba laqghet it-talba b'dan li wara s-seduta tat-30 ta' Settembru 2003 l-provi tal-partijiet jigu ddikjarati maghluqa definittivament u l-Perit Legali huwa awtorizzat li wara tali seduti jghaddi ghar-relazzjoni peritali fuq il-provi li hemm.  Ordnat lill-partijiet jinnotifikaw immedjatament lill-Perit Legali bid-digrieti ordjerni.

Rat ir-rikors tal-attur tas-26 ta' Settembru 2003 a fol 391 fejn talab li l-Qorti joghgobha tawtorizza lill-Perit Legali l-Avukat Noel Bartolo sabiex jiffissa seduta ohra *oltre* l-ahhar seduta illi hija ffissata ghat-30 ta' Settembru 2003, u dan sabiex l-esponenti jkun jista' jaffetwa l-kontro-ezamijiet tax-xhieda mressqa mill-konvenut, b'dan li jingabru l-provi kollha pertinenti ghall-kawza fuq ccittata, u dan taht dawk il-provvedimenti illi hi jidhrilha xierqa w opportuni.

Rat id-digriet tal-Qorti tad-29 ta' Settembru 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba ghalkemm jidher li l-partijiet ma qaghdux ghat-termini tad-digriet tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-konvenut tas-26 ta' Settembru 2003 fejn l-esponenti jitlob bir-rispett illi din il-Qorti joghgobha tirrevoka *contratio imperio* d-Digriet taghha tat-18 ta' Settembru 2003 u tawtorizza lill-esponenti sabiex iressaq formalment it-talba tieghu ghall-ittri rogatorji sabiex b'hekk ikun jista' jsir il-kontro ezami ta' A. Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-digriet tal-Qorti tad-29 ta' Settembru 2003 fejn il-Qorti ordnat lill-attur jindika jekk ghandux kuntatti mal-attrici, l-indirizz taghha u jekk l-istess attrici hiex disposta li tigi Malta biex isirilha l-kontro ezami taghha, u jekk iva meta, u dan fi zmien jumejn min-notifika permezz ta' nota.

Rat in-nota tal-attur tas-16 ta' Ottubru 2003 a fol 397.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-20 ta' Ottubru 2003 a fol 399 tal-process fejn *in vista* tar-risposta tal-attur, laqghet it-talba limitatament sabiex issir it-talba ghar-rogatorji.

Rat il-verbal tat-2 ta' Ottubru 2003 fejn il-Qorti ordnat lill-Perit Legali sabiex jiffissa b'kollox tlett seduti sabiex isiru l-kontro-ezamijiet kollha, apparti l-kwistjoni tar-rogatorji, u l-kawza giet differita ghar-rapport ghat-22 ta' Jannar 2004.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tal-attrici tal-21 ta' Jannar 2004 a fol 401 tal-process.

Rat il-verbal tat-22 ta' Jannar 2004 fejn il-Perit Legali Dr Noel Bartolo rritorna l-process u r-rapport *seduta stante* u l-kawza giet differita ghall-ezami tar-rapport ghall-24 ta' Frar 2004.

Rat il-verbal tal-24 ta' Frar 2004 fejn deher il-Perit Legali Dr Noel Bartolo li halef ir-rapport u l-kawza giet differita ghat-28 ta' April 2004 ghall-ezami tar-rapport u eskussjoni tal-Perit Legali.  Dr Ramona Frendo ghandha taghmel id-domandi bil-miktub u tinnotifikahom lill-istess Perit Legali.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali minn fol 411 sa fol 442.

Rat in-nota tal-konvenut tas-27 ta’ April 2004 a fol 446, fejn permezz taghha esebixxa sensiela ta’ mistoqsijiet biex isiru lill-Perit Legali in eskussjoni.

Rat ir-risposta tal-Perit Legali ghad-domandi in eskussjoni tal-konvenut dwar ir-relazzjoni peritali a fol 449 tal-process.

Rat il-verbal tat-28 ta’ April 2004 fejn il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors tal-attur tat-28 ta’ April 2004 fejn talab li l-Qorti terga’ tirriappunta l-kawza.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-28 ta’ April 2004 fejn ordnat lill-attur biex b’nota fi zmien jumejn jindika x’baqa’ jsir fil-kawza.

Rat in-nota tal-attur tal-5 ta’ Mejju 2004 fejn informa lill-Qorti li l-kawza hija ghat-trattazzjoni finali u sussegwentement tista’ tigi differita ghas-sentenza.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-4 ta’ Mejju 2004 fejn irriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghad-19 ta’ Ottubru 2004.

Rat in-nota tal-Avukati Dr Ramona Frendo u Dr Rachel Loporto Montebello tat-28 ta’ Settembru 2004 fejn permezz taghha irrinunzjaw ghall-patrocinju tal-konvenut b’kull riserva ghall-hlas tad-drittijiet professjonali dovuti.

Rat il-verbali tad-19 t’Ottubru 2004 fejn il-kawza giet differita ghas-17 ta’ Frar 2005, u tas-17 ta’ Frar 2005 fejn Dr Ghaznavi ghall-allur *nomine* talab li jigi nominat Perit Tekniku biex jistma d-dar matrimonjali.  Dr D’Agostino ghall-konvenut ma opponiex.  Il-Qorti nnominat lill-AIC Valerio Schembri a spejjez provizorjament attrici u l-kawza giet differita ghat-2 ta’ Gunju 2005 ghar-rapport.

Rat il-verbal tat-2 ta’ Gunju 2005 fejn Dr Ghaznavi ghall-attur informa lill-Qorti li l-Perit Tekniku thallas u d-difensuri qablu li jinhalef ir-rapport tal-Perit Tekniku llum stess.  Dr D’Agostino ghall-konvenut ghandu fi zmien ghaxart ijiem

jipprezenta nota fejn jindika l-pagamenti li saru fuq is-self fuq id-dar. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghall-istima tal-Perit Tekniku ghalkemm ghadhom ma rawhomx, u mill-bqija rrimettew ruhhom ghall-provi u jaqblu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Aktar tard deher il-Perit Tekniku Valerio Schembri li kkonferma r-rapport tieghu bil-gurament. Il-kawza giet differita ghas-27 ta' Ottubru ghas-sentenza.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku a fol 465 sa 474 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenut tat-13 ta' Gunju 2005 a fol 475 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-Qorti rat ix-xhieda kollha prodotti, d-dokumenti kollha esebiti, (li certament huma eccessivi u din il-Qorti thoss li huwa abbuz tal-procedura legali) u wkoll r-rapport peritali w ir-rapport tekniku, l-eskussjoni tal-perit legali u wkoll l-atti kollha tal-partijiet u din il-Qorti thoss li wara ezami profond ta' l-istess xhieda hija fil-posizzjoni li tikkonkludi li dan li gej gie ppruvat ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti fil-grad tal-prova necessarja skond il-ligi.

Illi l-partijiet izzewgu fis-16 ta' Mejju 1999 u jirrizulta li iz-zewg partijiet huma resposabbli ghall-imsemmija firda personali ta' bejniethom u dan peress li fl-ewwel lok din il-Qorti thoss li gie ppruvat li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' mohqrija u dan peress li kontinwament u quddiem terzi kien spiss jiddisprezza u jmaqdar lill-attrici assenti, u dan apparti li kien spiss jabbanduna lill-martu sabiex ikun ma' sahbu; f'dan il-kuntest din il-Qorti tirreferi ghax-xhieda kollha prodotta mill-attrici u wkoll ghall-paragrafu 50 tar-relazzjoni peritali u ghalhekk din il-Qorti thoss li ma' hemm ebda dubju li l-istess konvenut kien hati

*verso* l-attrici ta' mohrija, sevizzi u wkoll ingurji gravi; minn naha l-ohra jidher li l-attrici kienet ukoll hatja *verso* l-konvenut ta' sevizzi u wkoll mohqrija fis-sens tal-avvenimenti kif deskritti mill-perit legali fir-rapport tieghu u senjatament f'paragrafu 54 ta' l-istess u ghalhekk din il-Qorti thoss li z-zewg partijiet ikkontribwew sabiex l-istess konvivenza ta' bejniethom ma' tibqax aktar possibbli u huma responsabbli ghal din is-separazzjoni fl-istess grad.

Illi din il-Qorti thoss li wara li dan iz-zwieg sfaxxa l-istess attrici *ex admissis* kellha relazzjoni adultera ma' persuna ohra u wkoll illum tghix ma' l-istess persuna u ghandha wkoll tifel, kollox kif indikat f'paragrafu 58 tar-rapport peritali, izda din il-Qorti thoss li ghandha tghid li mill-provi prodotti jirrizulta li dan l-adulterju sehh wara li z-zwieg bejn il-partijiet odjerni kien gja sfaxxa minhabba dak li gja inghad tant li jidher li l-partijiet kienu hafna drabi qed jghixu qishom gja sseparati u spiss johorgu wahedhom ma' hbiebhom; fid-dawl ta' dan ukoll din il-Qorti ma' thossx li l-attrici telqet mid-dar konjugali minghajr gusta kawza; telqet mid-dar konjugali minhabba l-komportament tal-konvenut fil-konfront taghha u ghalhekk certament din il-Qorti ma' tistax tikkondividi dak li inghad mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu f'paragrafu 59 ta' l-istess; anzi thoss li l-fatti juru li l-istess attrici telqet mid-dar meta l-hajja ta' bejn il-partijiet bhala mizzewwga kienet gja sfaxxat; kienet din ir-raguni ghaliex l-attrici telqet mid-dar f'Gunju 2001 u sussegwentement l-istess raguni baqghet tezisti meta regghet telqet mid-dar, din id-darba ghal kollox f'Awissu 2001 – fix-xhur ta' bejn id-dati msemmija ma' nbidel xejn fir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet – relazzjoni li kienet gja sfaxxat u fejn ir-rispett reciproku kien ghal kollox assenti (wara dan sehh l-adulterju ta' l-attrici, llum ammess minnha), u allura ma jistghax jinghad la li l-adulterju kien dak li ikkawza l-firda personali ta' bejn il-partijiet u wisq anqas li l-abbandun ta' l-attrici kien minghajr gusta kawza, jew li l-istess abbandun wassal ghall-firda personali; dan apparti li fiz-zmien meta saret il-kontro-talba tal-konvenut is-sentejn ma' kienux ghaddew minn meta l-attrici telqet mid-dar konjugali f'Awissu 2001 – kontro-talba li saret minnu fis-26 ta' Gunju 2002.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li kienu z-zewg partijiet li kienu responsabbli ghall-firda personali ta' bejniethom u dan fl-istess grad ta' htija, u dan peress li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' mohqrija, sevizzi w ingurji gravi, filwaqt li l-attrici kienet hatja *verso* l-konvenut wkoll ta' mohqrija u sevizzi u kienu dawn li rrendew il-hajja bejn il-konjugi mpossibbli u l-konvivenza ta' bejniethom mhux aktar possibbli; apparti dan u sussegwentement l-istess attrici assenti rrendiet ruhha hatja *verso* l-konvenut ta' adulterju.

Illi minhabba dan din il-Qorti thoss li l-konkluzzjonijiet tal-perit legali kemm *in vista* ta' dak fuq indikat u wkoll *in vista* tar-relazzjoni peritali ta' l-arkitett Valerio Schembri ma' humiex ser jigu kollha kemm huma adottati minn din il-Qorti u fil-fatt din il-Qorti thoss li jkun aktar korrett u gust li fl-ewwel lok tigi ddikjarata xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett minn Gunju 2001.

Illi dwar likwidazzjoni u divizzjoni ta' l-istess din qed issir abbazi ta' dak li rrizultat li hija l-konsistenza tal-komunjoni ta' l-akkwisti, din il-Qorti thoss li la darba il-fond Flat 1, Blokk 7, Triq il-Marokk, Saghatar Naxxar jiswa llum ma' Lm50,000 l-istess fond u kull dritt li l-partijiet ghandhom fuq l-istess naxxenti mill-konvenju li l-partijiet iffirmaw ma' l-Awtorita' tad-Djar fil-21 ta' Mejju 1998 redatt minn Nutar Anthony Abela ghandu jigi mibjugh bil-kcina mixtrija minghand l-FXB in subbasta lil terzi u mir-rikavat ta' l-istess l-ewwel jithallas kull dejn attwali li hemm gravanti fuq l-istess post mal-Bank of Valletta plc (li sat-13 ta' Gunju 2005 kien jammonta ghal-Lm8,235,57 – nota tal-konvenut datata 13 ta' Gunju 2005), b'dan li mbaghad il-konvenut l-ewwel jiehu mir-rikavat tal-bejgh is-somma ta' Lm5,059 u is-somma ulterjuri ta' Lm2,722.08 (pagamenti li saru minnu bejn l-10 ta' Gunju 2003 u l-10 ta' Gunju 2005) b'kollox l-ammont ta' Lm7,781.08, oltre r-rifuzzjoni ta' kull somma ohra li hallas ghall-istess self lill-bank minn Gunju 2005 sad-data ta' din is-sentenza, u dan allura bhala rifuzzjoni lill-konvenut tas-sommom li huwa hareg iktar mill-attrici fuq l-istess, u li tali ammonti jirrizultaw kemm mill-kunteggi li ghamel il-perit legali u wkoll mill-atti sussegwenti ghall-prezentata ta' l-istess rapport peritali u

r-rimanenti bilanc mir-rikavat tal-bejgh ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi mill-bqija u *arbitro boni viri* din il-Qorti thoss li l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti ghandha tigi likwidata b’dan il-mod u cioe’ billi dwar l-*appliances* mixtrija minghand id-ditta Flamengo, t-*television* tad-ditta Panasonic u l-video tad-ditta Grundig u *television* LG, din l-Qorti tordna li l-istess jigu mibugha in subbasta u ir-rikavat jinqassam bin-nofs bejn il-partijiet. Illi dan qed jinghad *stante* li mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess mobbli inxtraw mill-partijiet f’sehem indaqs bejniethom u dan huwa wkoll ikkonfermat mill-paragrafi 62 (b) (c) u (d) tar-relazzjoni peritali.

Illi dwar kontijiet bankarji l-kont numru 4001108888227 b’bilanc ta’ cirka Lm328.18 ghandu jibqa’ f’isem il-konvenut *stante* li dan infetah mill-konvenut wara l-firda *de facto* bejn il-partijiet kif indikat ukoll mill-perit legali fil-paragrafu 62 (e) tar-rapport tieghu, filwaqt li l-kont numru 16314109018 ghandu jibqa’ f’isem l-attrci u l-kont *joint* numru 1490890401 ghandu jigi maghluq, kif l-istess ghandhom jinghalqu l-kontijiet mal-HSBC Bank (Malta) plc (Dok “CF1” sa Dok. “CF 5”).

Illi bhala beni parafernali l-attrici ghandha izomm l-karozza tal-marka VW Polo; *washing machine, tumble drier, heater* u fan, sett ta’ ornamenti tal-kamra tas-sodda, purtieri tal-kamra tas-sodda u ghandha wkoll izomm ic-curkett *solitaire* u curkett iehor, minhabba kreditu indikat ta’ Lm802.59 f’paragrafu 87 tar-relazzjoni tal-perit legali filwaqt li l-konvenut qed jigi assenjat *sitting room* bil-purtieri, sufan, pultruna u librerija, kamra tas-sodda antika uzata bhala spare bedroom, main bedroom ta’ Androxa, filwaqt li l-istess konvenut ghandu jigi assenjat mill-attrici ghal darba wahda biss s-somma ta’ elfejn lira Maltija (Lm2,000) fissata wkoll *arbitro boni viri* bhala krediti parafernali tal-konvenut li din il-Qorti waslet ghalihom ukoll wara li rat id-diversi konkluzzjonijiet tal-perit legali, mhux l-inqas dak kontenut minnu f’paragrafu 84 tar-rapport tieghu.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma nkompatibbli b'xi mod ma' dak hawn premess, u billi filwaqt li **tichad il-hames talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici biss u limitatament u fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

(1) tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan bi htija taz-zewg partijiet *stante* li tnejn li huma kienu responsabbli ndaqs ghall-firda personali ta' bejniethom u dan fl-istess grad ta' htija, u dan peress li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' mohqrija, sevizzi u ingurji gravi, filwaqt li l-attrici kienet hatja *verso* l-konvenut wkoll ta' mohqrija u sevizzi u kienu dawn li rrendew il-hajja bejn il-konjugi impossibbli u l-konvivenza ta' bejniethom mhux aktar possibbli; apparti dan u sussegwentement l-istess attrici assenti rrendiet ruhha hatja *verso* l-konvenut ta' adulterju.

(2) Tawtorizza lill-attrici tghix separata mill-konvenut zewgha;

(3) Tapplika kontra l-konvenut u l-attrici d-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16)**;

(4) Tilqa' din it-talba u tiddikjara xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan b'effett minn Gunju 2001.

Illi dwar likwidazzjoni u divizzjoni ta' l-istess tordna li l-fond Flat 1, Blokk 7, Triq il-Marokk, Saghatar Naxxar u kull dritt li l-partijiet ghandhom fuq l-istess naxxenti mill-konvenju li l-partijiet iffirmaw ma' l-Awtorita' tad-Djar fil-21 ta' Mejju 1998 redatt minn Nutar Anthony Abela ghandu jigi mibjugh bil-kcina mixtrija minghand l-FXB in subbasta lil terzi u mir-rikavat ta' l-istess l-ewwel jithallas kull dejn attwali li hemm gravanti fuq l-istess post mal-Bank of Valletta plc (li sat-13 ta' Gunju 2005 kien jammonta ghal Lm8,235,57 – nota datata 13 ta' Gunju 2005), b'dan li mbaghad il-konvenut jiehu mir-rikavat is-somma ta'

Lm7,781.08, oltre r-rifuzzjoni ta' kull somma ohra li hallas ghall-istess self mal-bank minn Gunju 2005 sad-data ta' din is-sentenza, bhala ammonti li huwa hareg iktar mill-attrici fuq l-istess, u r-rimanenti bilanc mir-rikavat tal-bejgh ta' l-istess immobbi kif hawn deskritt ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi mill-bqija u *arbitro boni viri* din il-Qorti thoss li l-istess komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi likwidata b'dan il-mod u cjoe' billi tordna wkoll li l-*appliances* mixtrija minghand id-ditta Flamengo, t-television tad-ditta Panasonic u l-video tad-ditta Grundig u television LG, ghandhom ukoll jigu mibjugha in subbasta u r-rikavat jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi dwar kontijiet bankarji l-kont numru 4001108888227 b'bilanc ta' cirka Lm328.18 ghandu jibqa' f'isem il-konvenut, filwaqt li l-kont numru 16314109018 ghandu jibqa' f'isem l-attrci u l-kont *joint* numru 1490890401 ghandu jigi maghluq, kif l-istess ghandhom jinghalqu l-kontijiet mal-HSBC Bank (Malta) plc (Dok. “CF1” sa Dok. “CF 5”).

(5) Tichad din it-talba *stante* li ma' hemmx bzonna.

(6) Tilqa' din it-talba u tawtorizza lill-attrici li tuza' kunjom xbubitha, cioe` Caruana;

(7) Tilqa' din it-talba biss fis-sens li tordna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici l-proprjeta` parafernali kollha taghha u dan konsistenti f'dak hawn deciz b'dan illi bhala beni parafernali l-attrici ghandha zomm il-karozza tal-marka VW Polo; *washing machine, tumble drier, heater* u fan, sett ta' ornamenti tal-kamra tas-sodda, purtieri tal-kamra tas-sodda u ghandha wkoll izomm ic-curkett *solitaire* u curkett iehor ghar-ragunijiet fuq indikati, u ghal dan l-iskop din il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici l-istess oggetti fuq indikati inkluz ic-crieket imsemmija lill-attrici, filwaqt li l-konvenut qed jigi assenjat *sitting room* bil-purtieri, sufan, pultruna u librerija, kamra tas-sodda antika uzata bhala *spare bedroom, main bedroom* ta' Androxa, liema oggetti in effetti jinsabu fil-pussess tal-

konvenut u b’dan wkoll li tordna lill-attrici sabiex thallas lill-konvenut ghal darba wahda biss s-somma ta’ elfejn lira Maltija (Lm2,000) fissata wkoll *arbitro boni viri* bhala krediti parafernali tal-konvenut.

Bl-ispejjez tac-citazzjoni attrici jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi dwar il-**kontro-talba tal-konvenut**, u ghall-istess motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta’ l-attrici ghall-istess kontro-talba in kwantu l-istess huma nkompatibbli b’xi mod ma’ dak hawn deciz u premess, u filwaqt li **tichad ir-raba’ talba tal-kontro-talba tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu biss u limitatament u fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro*, bejn il-kontendenti u dan bi htija taz-zewg partijiet *stante* li tnejn li huma kienu responsabbli ndaqs ghall-firda personali ta’ bejniethom u dan fl-istess grad ta’ htija, u dan peress li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta’ mohqrija, sevizzi w ingurji gravi, filwaqt li l-attrici kienet hatja *verso* l-konvenut wkoll ta’ mohqrija u sevizzi u kienu dawn li rrendew il-hajja bejn il-konjugi impossibbli u l-konvivenza ta’ bejniethom mhux aktar possibbli; apparti dan u sussegwentement l-istess attrici assenti rrendiet ruhha hatja *verso* l-konvenut ta’ adulterju.

(2) Tapplika l-effetti ta’ l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili** kontra l-istess partijiet kif indikati *in vista* ta’ l-azzjoni attrici.

(3) Tilqa’ din it-talba u tiddikjara xolta l-kommunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan b’effett minn Gunju 2001.

Illi dwar likwidazzjoni u divizzjoni ta’ l-istess tordna li l-fond Flat 1, Blokk 7, Triq il-Marokk, Saghatar Naxxar u kull dritt li l-partijiet ghandhom fuq l-istess naxxenti mill-konvenju li l-partijiet iffirmaw ma’ l-Awtorita` tad-Djar fil-21 ta’ Mejju 1998 redatt minn Nutar Anthony Abela ghandu jigi

mibjugh bil-kcina mixtrija minghand l-FXB in subbasta lil terzi u mir-rikavat ta' l-istess l-ewwel jithallas kull dejn attwali li hemm gravanti fuq l-istess post mal-Bank of Valletta plc (li sat-13 ta' Gunju 2005 kien jammonta ghal-Lm8,235,57 – nota datata 13 ta' Gunju 2005), b'dan li mbaghad il-konvenut jiehu mir-rikavat is-somma ta' Lm7,781.08, oltre r-rifuzzjoni ta' kull somma ohra li hallas ghall-istess *loan* minn Gunju 2005 sad-data ta' din is-sentenza, bhala ammonti li huwa hareg iktar mill-attrici fuq l-istess, u r-rimanenti bilanc mir-rikavat tal-bejgh ta' l-istess immobbi kif hawn deskritt ghandu jinqassam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi mill-bqija u *arbitro boni viri* din il-Qorti thoss li l-istess komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi likwidata b'dan il-mod u cjoe' billi tordna wkoll li l-*appliances* mixtrija minghand id-ditta Flamengo, t-*television* tad-ditta Panasonic u l-*video* tad-ditta Grundig u *television* LG, ghandhom ukoll jigu mibjugha in subbasta u r-rikavat jinqassam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi dwar kontijiet bankarji l-kont numru 4001108888227 b'bilanc ta' cirka Lm328.18 ghandu jibqa' f'isem il-konvenut, filwaqt li l-kont numru 16314109018 ghandu jibqa' f'isem l-attrci u l-kont *joint* numru 1490890401 ghandu jigi maghluq, kif l-istess ghandhom jinghalqu l-kontijiet mal-HSBC Bank (Malta) plc (Dok. "CF1" sa Dok. "CF 5").

Illi ghal dak li huwa parafernali tal-partijiet din il-Qorti ghall-kompletezza konsistenti ma' dak li gja gie deciz *in vista* tac-ciatzzjoni attrici tikkonferma l-ordni taghha lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici l-proprjeta` parafernali kollha taghha u dan konsistenti f'dak hawn deciz b'dan illi bhala beni parafernali l-attrici ghandha izomm l-karozza tal-marka VW Polo; *washing machine, tumble drier, heater* u *fan*, sett ta' ornamenti tal-kamra tas-sodda, purtieri tal-kamra tas-sodda u ghandha wkoll izomm ic-curkett *solitaire* u curkett iehor ghar-ragunijiet fuq indikati, b'dan ghalhekk li din il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici l-istess oggetti fuq indikati nkluz ic-crieket lill-attrici, filwaqt li l-konvenut qed

jigi assenjat *sitting room* bil-purtieri, sufan, pultruna u librerija, kamra tas-sodda antika uzata bhala *spare bedroom, main bedroom* ta' Androxa, liema oggetti in effetti jinsabu fil-pussess tal-konvenut u b'dan wkoll li tordna lill-attrici sabiex thallas lill-konvenut ghal darba wahda biss s-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) fissata wkoll *arbitro boni viri* bhala krediti parafernali tal-konvenut.

(4) Tichad din it-talba *stante* li ma' hemmx bzonnha.

Bl-ispejjez tal-kontro-talba jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------